# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-10 ta' Marzu 2016

Appell Nru: 1/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Simon Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Simon Camilleri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 453166M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-18 ta' Novembru 2012 gewwa Mellieha, ghal habta tad-disgha ta' filghodu (09.00hrs), fi Triq il-Madonna Tal-Ghar ikkommetta serq ta' katina ta' kulur isfar u kif ukoll ta' pendent (salib) ta' kulur isfar minn fuq il-persuna ta' Vittoria Muscat ta' 79 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-istess persuna Vittoria Muscat karta ta' l-identita' nru. 617433M jew persuna/i ohra;

2. Talli nhar it-18 ta' Novembru 2012 gewwa l- Mellieha, ghal habta tad-disgha ta' filghodu (09.00hrs), fi Triq il-Madonna Tal-Ghar ikkommetta serq ta' katina ta' kulur isfar u kif ukoll ta' pendent (salib) ta' kulur isfar minn fuq il-persuna ta' Giuseppa Muscat ta' 82 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' l-istess persuna Giuseppa Muscat karta ta' l-identita' nru. 494830M jew persuna/i ohra;

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Vittoria Muscat u Giuseppa Muscat biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza;

4. Talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f' Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienux delitti taht l-Att dwar l-istampa;

5. Talli f'Malta xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Finalment l-imputat Simon Camilleri kien akkuzat bi ksur tal-*bail* li dina l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr. M. Mallia LL.D harget fil-konfront ta' Simon Camilleri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0453166M;

Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Simon Camilleri u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' (elf ewro) €1,000 tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia LL.D, u dan waqt li kien mehlus mill-arrest taht garanzija personali ta' elfejn

euro (€2,000) u dan bi ksur ta' l-**Artikolu 579(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka '*contrario imperio*' d-digriet tal-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D u tordna l-arrest mill-gdid ta' Simon Camilleri. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' flus bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulata fl-**artikolu 579(3)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli rrenda ruhu recediv b'diversi Sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu (Art. 49, 50, 289 tal-Kap 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Dicembru, 2014, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 17, 31, 48A, 49, 50, 251B, 261(a), (b) u (c), 262 (1)(a), 263(b), 267, 276, 276A, 277, 278, 279(a), 280, 289, 334(a), 533, 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputat SIMON CAMILLERI hati ta' l-ewwel tliet imputazzjoni u talli huwa recidiv u ikkundannatu erba' (4) snin prigunerija effettivi u mhux hati tar-raba' akkuza u illiberatu minnha u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-hames imputazzjoni stante li din inghatat b'mod alternattiv ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet. Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-liberta' provizorja moghti lill-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi u dan ghaliex ipprezentat biss kopja legali tad-digriet li nghata mill-allura Magistrat Michael Mallia nhar is-17 ta' Marzu 2009 a fol. 105, Dok. GM8, pero' ma ressqet l-ebda prova sabiex tipprova li l-kaz in dizamina fejn l-imputat nghata l-liberta' provizorja ghadu ghaddej u cioe' ghadu sub-judice u li tali digriet ma giex revokat f'xi stadju ulterjuri u ghalhekk sabithu mhux hati ta' tali akkuza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Simon Camilleri, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lill-din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik li-parti fejn sabitu hati tal-ewwel tlett akkuzi, u wkoll talli huwa recidiv, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn illiberatu mir-raba akkuza u l-hames akkuza, tbiddilha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal terminu ta' erba (4) snin prigjunerija effettivi u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Rat l-atti kollha processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa appell interpost mill-appellant Simon Camilleri bil-gravami singolari rigwardanti l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jargumenta illi l-piena kominata mhix idonea u dan ghar-raguni illi b'mod sfortunat ghal hafna snin ghadda minn mumenti difficli fejn sa minn ckunitu f'hajtu dejjem kien hemm nuqqas ta' stabbilita fil-familja u fit-trobbija tieghu li kkagunatlu dannu irreparabbli fil-karattru tieghu. Oltre dan kellu problemi serjissimi bil-vizzju tad-droga u l-konsegwenzi kollha li jgib mieghu l-istess vizzju. Jargumenta ukoll illi madanakollu qieghed jaghmel minn kollox sabiex jerga jistabilixxi ruhu lura fis-socjeta' billi l-ewwel u qabel kollox isib impjieg izda sfortunatament l-fedina penali tieghu qieghda tkun ta' ostaklu kbir u zzommu milli jkompli jaghmel progress f'din t-triq li qabad. Finalment isostni illi piena karcerarja ta' erba (4) snin zgur li mhix idoneja peress li f'dawna l-erba' snin hemm il-biza' reali li l-progress li jkun sar ikun stultifikat b'dana illi l-esponent appellant jerga jinqabad f'cirku vizzjuz li ma jirnexxielu johrog minnu qatt;

Tajjeb illi qabel kull konsiderazzjoni ohra ikun imfakkar il-monitu wisq drabi affermat mill-Qrati taghna illi muhiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-

kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Elenosive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Opportunament ukoll ssir referenza ghall-dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena citata Noel Frendo: *Il-fatt illi persuna tkun inhakmet mill-vizzju tad-droga, pero' ma jfissirx illi meta jikkometti reati minhabba dak il-vizzju sabiex isostni l-istess vizzju jista' jigi skuzat ghal-ghemilu. Aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-hati jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma jistax jahrab milli jigi punit skont il-ligi. Il-pieni m'ghandhomx biss skop riformattiv izda ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali.* Tajjeb ukoll, ghal kwadru komplet ta' din il-kunsiderazzjoni, li ssir referenza ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu *a window of opportunity* f'kawzi fejn il-piena kienet klementi jew ossia mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi fejn kien muri li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u wera sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014);

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, u ezaminati l-artikoli tal-ligi fl-assjem tal-fatti akkolti, ma hemm l-ebda dubju li l-piena kominata mill-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi. |Il-piena ghall-serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, riferibilment ghar-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, hija ta' prigunerija ghal zmien minn disa xhur sa tlett snin (artikolu 280(2) – serq akkumpanjat bil-vjolenza, valur u mezz) izda din il-piena tizdied bi grad jew zewg gradi (artikolu 276 la darba kien kommess fuq persuni li ghalqu s-sittin sena). Dan iwassal ghal-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin jekk mizjuda bi grad u prigunerija ghal zmien minn tmintax-il

xahar sa hames snin meta mizjuda b'zewg gradi li imbaghad setghet tkompli tizdied minhabba r-recidiva;

Issa fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant itenni illi l-piena ta' erba snin prigunerija imposta fuqu mhix wahda idonea ghaliex *hemm il-biza reali li l-progress li jkun sar jigi stultifikat b'dana illi l-appellant jerga jinqabad f'cirku vizzjuz li ma jirnexxilu johrog minnu qatt.* Ezaminati l-atti ma jirrizulta mkien la quddiem l-Ewwel Qorti u wisq anqas quddiem din il-Qorti xi referenza li l-appellant kien qieghed jaghmel xi forma ta' progress fid-direzzjoni t-tajba. Filwaqt illi l-Qorti tibqa' tittama li l-appellant, bhal persuni ohra fic-cirkostanzi li jinsab fihom, jaghmlu progress bl-iskop li jdawwru l-folja u tibqa' tghatihom kull opportunita' possibbli sabiex jghamlu dan bl-iskop li jergghu jintegraw fis-socjeta' bhal cittadini denji, ma tara ebda raguni ghaliex ghandha, f'dan il-kaz, tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena erogata.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.